A.L. 59 ta' l-1986

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1986 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1986 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3). Titolu.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar. Proprjetà speċifikata.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-26 ta' Settembru, 1986. Jum stabbilit

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri: Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata

(a) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gudja (Ħdejn l-Iskola), limiti tal-Gudja, tal-kejl ta' madwar 225 metru kwadru, liema art għandha tiżdied mal-*Plots* Nri. 34 sa 44, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar, min-Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop.

(b) Biċċa art li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar taż-Żurrieq (Tal-Bebbux), limiti taż-Żurrieq, li tikkonsisti fi *plots* fl-imsemmi qasam magħrufin bħala *Plot* Nru. 13 u biċċa art addizjonali ma' *Plot* Nru. 56 ta' madwar 401.5 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar.

(ċ) Id-dar numru 104, Triq Salvu Azzopardi, *Estate* tad-Djar, Dingli.

(d) Id-dar numru 37, Ta' Mliet, Mosta.

(e) *Maisonette* numru 13, Triq San Luqa, Raħal Ġdid.

(f) Il-*flat* numru 4, Blokk 3, Luqa Road, Tarxien.

(g) Il-*flat* numru 6, Blokk E 3, *Estate* tad-Djar, Ta' Xbiex.